MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 14/2008

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Ernest Scicluna**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta’ elf, mitejn u tnax-il Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1212.41) ekwivalenti ghal valuta antika ta` Lm520.49, rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu in-numru 2163 6263 skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti annessi.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas milli jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tat-22 ta’ April, 2008 mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------